**26 ta' April, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Alfred Gatt *noe*

*versus*

James Gollcher *et noe*

**Danni – Nuqqasijiet fil-Merkanzija – Assikurazzjoni – Surroga**

*Kawża fejn l-attur assikuratur surrogat fittex għal danni konsegwenti minn telf ta' merkanzija.*

*Il-Qorti sabet illi r-responsabbilità kienet ta' l-aġent tal-vapur.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li s-soċjetà *V.J. Salomone Ltd.* impurtat ġewwa Malta erba' mija u ħames (405) *cartons* batteriji mis-Singapore, fuq il-vapur *Thomas Roth* kif jirriżulta mill-polza tal-kariku Dok. A; u premess li wara li l-merkanzija ġiet skarikata u kkunsenjata lill-importatur irriżulta li kien hemm ħames *cartons* vojta u ħames *cartons* oħra kienu mgħaffġin u miftuħa b'kontenut nieqes kif ġie indikat fil-*Lloyds Survey Report* No. 381/1983 Dok. B; u premess li għal dan in-nuqqas is-soċjetà attriċi fil-kwalità indikata, u kif kienet obbligata, ħallset l-importatur is-somma ta' mija u sitta u tletin lira u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm136.75) u

premess li għalhekk ġiet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur; u premess li l-konvenuti *nomine* jew min minnhom huma responsabbli għan-nuqqas fuq premess; l-istess attur talab li l-konvenuti *nomine* jew min minnhom għar-raġunijiet fuq premessi (1) jiġu ddikjarati responsabbli għan-nuqqas fuq indikat u (2) jiġu kkundannati jħallsu l-attur *nomine* s-somma ta' Lm136.75 u bl-interessi kummerċjali skond il-liġi in linea ta' pagament għad-danni sofferti mill-assigurat u surrogati ta' l-attur *nomine*. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Abela u Cavallo li biha eċċipew illi t-talbiet attriċi, in kwantu diretti kontra s-soċjetà *The Cargo Handling Co. Ltd.* kkonsenjat il-merkanzija fl-istess stat u ammont illi rċevitu;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-istess konvenuti;

Rat in-nota ta' l-attur a fol. 11 li biha ċeda l-kawża kontra l-konvenuti Gollcher *nomine* u żammha ferma kontra Godwin Abela u John Cavallo *nomine* u li biha rriduċa t-talba minn Lm136.75,0 sa sitta u ħamsin lira (Lm56);

*Omissis;*

Illi l-Perit fuq indikat wara li investiga l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt involuta, wasal għall-konklużjoni, wara li għamel rassenja preċiża tal-prinċipji legali li għandhom jirregolaw il-kwistjoni taħt diskussjoni, illi t-talba attriċi kif miżmumha ferma kontra l-konvenuti Abela u Cavallo *nomine* għandha tiġi

miċħuda b'applikazzjoni tar-regolament 86 tar-regolament ta' l-1966 dwar il-portijiet. Dan ir-regolament jittratta dwar ir-responsabbilità ta' l-aġent tal-vapur dwar pakki sbarkati minn abboard u kkonsenjati lill-kuntrattur tad-direttur tal-portijiet (ċjoè *The Cargo Handling Co. Ltd.);*

Illi wara li ġiet ippreżentata din ir-relazzjoni l-attur ippreżenta nota ta' kritika li fiha kkummenta hekk: "1. Fir-relazzjoni tiegħu l-perit legali ċaħad it-talba kollha ta' l-attur a bażi tal-*Ports Ordinance* 1962 li jgħid jekk pakki ta' merkanzija jinżlu mill-vapur fi stat difettuż dawn il-pakki għandhon jiġu ppakkjati mill-ġdid u l-kuntrattur tal-port jista' jirrifjuta li jaċċettahom sakemm għadhom fi stat ħażin. F'Sec. 6 ta' din l-Ordinanza jinsabu proviżjonijiet li jeżentaw il-kuntrattur *"for loss or damage.....arising from insufficient and improper packing";*

L-esponent jaqbel mal-konklużjoni tal-perit li l-konvenuti Abela *et noe* mhumiex responsabbli għall-pakki li niżlu difettużi minn fuq il-vapur imma jattira l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li mhux il-merkanzija kollha li ġiet ikkonsenjata bin-nieqes lill-importatur kienet niżlet f'kartuni mqattgħin minn fuq il-vapur u għal dawn għandhom jirrispondu l-konvenuti Abela *et noe;*

Il-matematika tan-nuqqas kienet hekk:

(1) Id-Dwana rilaxxat il-merkanzija lill-importatur b'ħames kartuni vojta għal kollox u żewġ kwartuni b'ħafna nieqes – xiehda Azzopardi tad-Dwana (u Dok. C);

(2) It-*tally* juri li niżlu 4 kartuni bin-nuqqas *(partly short)* – Dok. fil-proċess;

L-attur fil-mori tal-kawża wasal għat-transazzjoni mal-konvenuti Gollcher – l-Aġent tal-vapur – sostanzjalment għal erba' minn seba' ta' l-ammont mitlub u kellu jkompli l-kawża kontra l-konvenut Abela għal Lm56 – it-tielet parti minn seba' li baqa', u li ma kinux ir-responsabbilità tal-vapur'';

Illi l-konvenuti Abela u Cavallo ma ssottomettew ebda risposta għal din in-nota ta' kritika, nonostante li ngħataw *opportunità li jagħmlu dan;*

Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti taċċetta l-kritika li saret mill-attur għar-rapport peritali;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba kwantu diretta kontra l-konvenuti Gollcher *nomine* stante rinunzja iżda tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* limitatament għas-somma ta' sitta u ħamsin lira Maltin (Lm56) fil-konfront tal-konvenuti Abela u Cavallo *nomine* u bl-imgħax kummerċjali dekorribbli mil-lum;

L-ispejjeż – fil-konfront tal-konvenuti Gollcher jitħallsu mill-attur waqt li dawk li saru fil-konfront tal-konvenuti Abela u Cavallo *nomine,* jitħallsu mill-istess Abela u Cavallo *nomine*.